ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 37 IT-TNEJN 1 TA' DIĊEMBRU 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli (attenda fis-6.50pm), Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Charles Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, u Sean Meli flimkien mal-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Brenda Fenech.

Is-S.E. informa li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta peress li kellu l-laqgħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-istess ħin; u l-Kunsilliera Jason Busuttil u Antoine Saliba Haig kienu infurmaw bil-miktub li ma kienux ser jattendu għal din il-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol oħra.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u għalhekk il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Jason Busuttil u Antonie Saliba Haig ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**37/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 36**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 36 li nżammet nhar it-Tnejn 10 ta' Novembru 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 36 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**37/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**37/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li fl-aħħar seduta ġew magħżula żewġ żgħażagħ li kienu interessati biex ikunu l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, waħda minnhom infurmat lill-Kunsill li m'għadhiex interessata. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel *nem.con* li jaħtar lis-Sinjorina Brenda Fenech bħala l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**37/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** informat li lill-Kunsill li wara laqgħa li saret mal-Kunsill Malti għall-Isport li għaliha kienu mistednin il-Kunsillieri kollha, li iżda attendew hija bħala Sindku, il-kunsillier Ralph Puli u s-Segretarju Eżekuttiv saret proposta biex il-KMS tibqa' responsabbli tal-manutenzjoni, dawl u s-sorveljanza tal-*Fitness and Sports Park*, iżda l-Kunsill jidħol fir-responsabbilta' tat-tindif u l-ġardinaġġ. In kambju l-Kunsill se jkun qed jingħata spazju fejn jista' jsir riklamar bi dħul għall-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-proposta mhux se tkun tiswa lill-Kunsill peress li l-ġardinaġġ għadu kkaverjat bit-tender li għandu mal-*ELC* filwaqt li t-tindif se jibda jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill, flok it-tindif ta' wara l-monti, li issa beda jsir mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel nem.con mal-proposta biex mill-1 ta' Jannar 2015, il-Kunsill jibda jieħu ħsieb it-tindif u l-ġardinaġġ tal-*Fitness u Sports Park*, li m'għandu bl-ebda mod jinkludi iż-żona ta' wara l-klabb tal-Boċċi, fejn kien ppjanat li jsir padiljun. Fil-fatt, **is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tinforma lill-Kunsill li f'din il-laqgħa, l-Kunsill ġie infurmat li l-padiljun mhux se jsir u li l-Malta Basketball Association irrifjutat li tieħu l-amministrazzjoni tal-art, bil-konsegwenza li l-KMS bdew il-proċeduri mal-Kummissarju tal-Artijiet biex din tiġi rritornata lill-gvern. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** irrimarka li hemm bżonn ta' manutenzjoni ta' diversi affarijiet fosthom tad-dawl. Il-Kunsill ħa jirrapporta lill-KMS.

**37/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fix-xahar ta' Jannar għandu jsir *Coffee Morning*. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**37/02/04** F'dan l-istadju (fis-6.50pm) attenda għal-laqgħa **il-Kunsillier Ralph Puli**.

**37/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilliera li l-ikla tal-Milied bejn l-istaff u l-kunsilliera se ssir skont kif rregolat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u se ssir nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru 2014. Fuq proposta li kienet saret preċedentament mill-Kunsillier Bjorn Azzopardi, għandha tiġi organizzata wkoll attivita' ta' *team-building* bejn l-istess staff u kunsilliera. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**37/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li benefattur minn Ħal Qormi se jagħti vann b'xejn lill-Kunsill Lokali wara li **l-Kunsillier Charles Farrugia** għamel kuntatti ma' dan il-benefattur. Is-Sindku Rosianne Cutajar sostniet li dan se jkun jista' jgħin ħafna lill-Kunsill fl-operat tiegħu anke peress li riċentament ġiet assenjata persuna mal-Kunsill mill-iskema tal-ETC, li qed tagħmel ħafna xogħol ta' *field officer*.

**37/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ġnien fi Triq Alexandra jinsab għaddej b'ritmu tajjeb u x-xogħol għandu jkun finalizzat fix-xahar ta' Jannar / Frar.

**37/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li **l-Kunsillier Sean Meli** ħa ħsieb li jorganizza żjara lill-President ta' Malta mill-*Qormi Walking Club* li se ssir fis-17 ta' Diċembru 2014 fejn l-kunsilliera huma mħeġġa li jattendu.

**37/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet lill-Kunsill id-disinn tal-perit tal-one-way fi Triq il-Belt Valletta li ġiet approvata mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti fuq proposta tal-**Kunsillier Bjorn Azzopardi**. Il-Kunsill approva id-disinn u ġie maqbul li din tintbagħat lir-residenti bħala parti mill-konsultazzjoni.

**37/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet lill-Kunsill id-disinn tal-perit tal-*pedestrian crossing* fi Triq San Bastjan wara rizoluzzjoni approvata mill-Kunsill pproposta mill-**Kunsillier Sean Meli**. Il-Kunsill approva *nem.con* li jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 37/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' NOVEMBRU 2014

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru 2014
**b)** *Bank Payments* Novembru 2014.
**c)** *Petty Cash* Novembru 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**37/04 MOZZJONIJIET**

**37/04/01 MOZZJONI 117/2014**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni nru 117/2014:

*Wara li jiskadi l-perjodu ta' prova (probation period) ta' sitt xhur tal-impjieg ta' Noel Pace, nipproponi li l-Kunsill jikkonferma l-impjieg tiegħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt ta' impjieg definit (back-to-back), u dan peress li s-servizz mogħti mis-Sur Pace laħaq l-aspettattivi tal-Kunsill.*

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** ssekondaw.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova** l-mozzjoni 117-2014(VI).

**37/05 RAPPORTI**

**37/05/01 KUNTRATT TAL-GĦAQDIET KULTURALI U TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li wara li għalqet s-sejħa ta' kwotazzjonijiet, saret evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa minn bord indipendenti fuq il-kriterji stabbiliti fl-istess sejħa. Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet ir-rapport bl-iskeda tal-attivitajiet u l-fondi li ġew allokati skont ir-ranking li sar mill-bord li ġie ddeterminat mill-kriterji stabbiliti.

**DOK 'B'**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li kull sena għandha ssir evalwazzjoni tal-attivitajiet li jkunu saru f'dik is-sena qabel isir it-tiġdid tal-allokazzjoni tal-fondi għas-sena ta' wara.

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin għandhom jinħarġu l-ittri ta' aċċettazjoni u jsir il-kuntratt mal-għaqdiet.

**37/05/02 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET: FENCE FIL-*PICNIC AREA*: *HERITAGE TRAIL* MINN TAL-BLAT GĦAL TAL-ĦLAS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda fejn il-Kunsill approva unanimament biex ix-xogħol isir minn C. Baldacchino bis-somma ta' Eur4550 peress li kienet l-orħos

kwotazzjoni u hija *administrative u technical compliant.*

**DOK 'C1'**

**37/05/03 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET: TWAĦĦIL TA' STREETLIGHTING LAMPOST FI SQAQ AWŻARA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda fejn il-Kunsill approva unanimament biex ix-xogħol isir minn Mica Med bis-somma ta' Eur941.10 peress li kienet l-orħos kwotazzjoni u hija *administrative u technical compliant.*

**DOK 'C2'**

**37/05/04 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET: PROVVISTA U TWAĦĦIL TA' BANKIJIET U BINS FI SQAQ AWŻARA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda fejn il-Kunsill approva unanimament biex ix-xogħol isir minn Forestals Ltd bis-somma ta' Eur2538 peress li kienet l-orħos kwotazzjoni u hija *administrative u technical compliant.*

**DOK 'C3'**

**37/05/05 GĦAŻLA TA' KWOTAZZJONIJIET: MONUMENT TAL-VITTMI TAL-LOGĦOB TAN-NAR**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv biex iressaq l-iskeda ta' kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda fejn il-Kunsill approva unanimament biex ix-xogħol isir minn Charlot Spiteri Magri bis-somma ta' Eur4600 peress li kienet l-orħos kwotazzjoni u hija *administrative u technical compliant.*

**DOK 'C4'**

**37/06 KORRISPONDENZA**

**37/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-4'**

1. Dwar proposta biex jerġa jiġu organizzati korsijiet konġuntament ma' TCTC dwar Learn It u iKids, il-Kunsill approva nem.con izda b'kundizzjoni li ma jkunx hemm limitu ta' kemm jistgħu japplikaw nies. Kull kors jiswa Eur1150.

2. Dwar talba biex isir użu mis-sala ta' taħt it-teatru grieg sabiex ikunu jistgħu isiru rehearsals ta' banda muzikali, il-Kunsill fakkar li s-sala tinsab preżentament użata. Fil-fatt il-Kunsill iddeċieda biex jiltaqa' mal-aħwa Borg li qed jagħmlu użu mis-sala sabiex isir Presepju mekkanizzat permanenti, liema skont l-aħħar ittra

tagħhom dawn kellhom jinawguraw l-ewwel fażi f'Diċembru 2014. Il-laqgħa għandha ssir qabel is-seduta li jmiss.

**37/07 INFORMAZZJONI**

**37/07/01** **Il-Kunsillier Sean Meli** informa lill-Kunsill li Hal Qormi ġie magħżul biex fih ikun hemm ċentru appoġġ tal-proġett LEAP fir-reġjun. Il-Kunsillier Sean Meli kompla li huwa qed jaħdem mill-qrib mal-persuni inkarigati minn dan il-proġett u diġa saru żjarat liċ-ċentri pastorali taż-żewġ parroċċi biex jinstab il-post minn fejn ikun jista' jibda jopera il-proġett.

**37/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2015.